MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-8 ta' Frar, 2007

Numru 755/2006

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR KEVIN FARRUGIA**

**VS**

**JOSEPH RAGGIO**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Joseph Raggio, ta' 32 sena, bin Joseph Pellegrini u Vivienne nee' Raggio, imwieled Victoria nhar il-31 ta' Dicembru, 1973, residenti fil-fond imsejjah Rocamar, Triq il-Post Ruman, San Pawl il-Bahar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0000174(G);

Akkuzat talli nhar it-12 ta' Frar, 2006 ghall-habta tas-06.55am, waqt li kien qieghed isuq vettura bin-numru tar-

registrazzjoni VWP 111 tal-ghamla Volkswagen Polo fi Triq il-Kosta, is-Salina, u f'inhawi ohra fil-Gzejjer Maltin:

1. B'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ikkaguna griehi –
a. Ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Keith Tonna, detentur tal-karta tal-identita' numru 295483(M), skond kif iccertifika Dr M Zammit Mangion MD, Reg 2891, tal-Casualty Department, tal-Isptar San Luqa;
b. U aktar talli kkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Glenn Caruana, detentur tal-karta tal-identita' numru 96184(M), skond kif iccertifika Dr M Zammit Mangion MD, Reg 2891, tal-Casualty Department, tal-Isptar San Luqa;

2. U aktar talli saq b'manjiera traskurata, bla kont, u perikoluza, u dan bi ksur tal-Artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta, meta habat ma' vettura bin-numru tar-registrazzjoni LAF 349 u kkagunalha hsara ghad-dannu ta' Keith Tonna, detentur tal-karta tal-identita' numru 295483(M);

3. U kif ukoll talli saq bi speed eccessiv, u dan bi ksur tal-Artikolu 127 tal-LS 65.11.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;

Wara li rat l-ammissjoni tal-imputat f'dan l-istadju ta' dawn il-proceduri, wara li nghata zmien rikjest mill-Ligi biex jikkonsidra din l-ammissjoni tieghu.

Wara li rat l-Artikoli 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
L-Aratikolu 15(1)(a)(2) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
U kif ukoll ir-Regolament 127(1) tal-Avviz Legali 128/1994.

Ikkunsidrat:

Ghal dawn il-motivi din il-motivi din il-Qorti qiegheda ssib lill-imsemmi imputat hati tal-akkuzi hekk kif dedotti konrtrieh, izda tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat

iehor fi zmien sitt (6) xhur, ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;
Tikkundannah ukoll ghall-hlas ta' multa fl-ammont ta' Lm100.00 (mitt lira maltin), pagabbli fi zmien erba' (4) xhur, f'pagamenti ta' Lm25.00 (hamsa u ghoxrin lira maltin) fix-xahar, ai termini tal-Artikolu (14)2 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.
Intolre din il-Qorti tordna wkoll l-iskwalifika tal-licenzja tas-sewqan tal-imputat ghal zmien gimgha.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------